HAL BALZAN

IT-TIELET SENA Nru. 18 LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU LULJU/AWWISSU 1974

HARĠA SPEĊJALI

SLIEM GHALIK, JA MIMLIJA BIL-GRAZZJA! IL-MULEJ MIEGHEK!

LUQA 1, 28

Editorjal

IL-FESTA T-TAJBA

Ilna ħafna bil-ħsieb li noħorġu dan il-għadd speċjali tal-gazzetta tagħna, imma ridna li din il-ħarġa speċjali toħroġ proprju fi żmien il-festa titulari tar-raħal tagħna. Għax aħna nemmnu li l-festa titulari tar-raħal għadha l-okkażjoni ewlenija matul is-sena li fiha n-nies tar-raħal jingħaqdu lkoll flimkien u bħal familja waħda jqimu 'l Alla u jifirħu flimkien ukoll soċjalment. Ħassejna li l-festa titulari hija l-isbaħ okkażjoni li fiha nippubblikaw dan il-għadd speċjali għax fil-festa donnhom il-Balzanin k o l l h a jħossu jbaqbaq fihom is-sens ċiviku u l-imħabba għal pajjiżhom aktar minn drabi oħra. U aħna wkoll ħassejna li għandna nagħtu s-sehem tagħna billi noħorġu xi ħaġa speċjali li żgur tagħti gost lill-Balzanin kollha, sew dawk li joqogħdu fir-raħal kif ukoll dawk li għal xi raġuni jew oħra kellhom iħallu r-raħal.

Nieħdu l-okkażjoni ta' din il-ħarġa speċjali sabiex insellmu lill-Balzanin kollha, qegħdin fejn qegħdin, ukoll lil dawk li jinsabu 'l bogħod mix-xtut tagħna u ma jistgħux jingħaqdu magħna ħalli jiċċelebraw il-festa tal-Lunzjata. Biss aħna żguri li għalkemm m'humiex magħqudin magħna fil-ġisem, f'dawn il-jiem jinsabu magħna fir-ruħ u bħalna jħossu l-ferħ li ġġib magħha l-festa.



Lill-Balzanin li jinsabu fostna nixtiqulhom il-festa t-tajba u nħeġġuhom sabiex ma jonqsux li jqaddsu dawn il-jiem għeżiez bis-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin u sabiex jieħdu sehem l-ewwel u qabel kollox fil-funzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-knisja. Ma ninsewx li l-festa titulari hija fuq kollox festa reliġjuża, li fiha nfakkru t-Tħabbira tal-Mulej li kienet il-bidu tal-fidwa tagħna. Lill-Balzanin inħeġġuhom ukoll sabiex jieħdu sehem sħiħ ukoll fil-festi esterni għax b'hekk dawn jikbru u l-festa tirnexxi u tkun aktar suċċess.

L-aħħar kelma hija kelma ta' ringrazzjament lil kull min għen sabiex joħroġ dan il-għadd speċjali tal-gazzetta bir-ritratti u l-artikli sbieħ li fih — kittieba, kontributuri ta' r e k l a m i, stampaturi, dawk li b'tant paċenzja jqassmu l-gazzetta, benefatturi oħra, u l-qarrejja kollha li l-interess tagħhom jagħmlilna l-qalb fix-xogħol tagħna.

Nagħmlu appell lill-Balzanin kollha sabiex għall-jiem tal-festa jixegħlu kemm jistgħu d-dwal fil-gallariji u fuq il-bjut, l-aktar din is-sena meta d-dawl fit-toroq jista' jitnaqqas xi ftit. Nixtiequ wkoll li għal dawn il-jiem bħal fl-imgħoddi, jitellgħu l-bnadar fuq l-arbli kollha tar-raħal.

Nifirħu lil Dr Paul Farrugia, M.D. (Genova), li għadu kemm laħaq Ambaxxatur ta' Malta għall-Ordni Sovran, Militari u Ospedalier ta' San Gwann ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta. It-Tabib Farrugia, li joqgħod Ħal Balzan, għamel żmien ukoll membru tal-'Kunsill Ċiviku — Balzan'.

L-ISTATWA ARTISTIKA TA' MARIJA SANTISSMA ANNUNZJATA MEQJUMA FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' ĦAL BALZAN. DIN L-ISTATWA HIJA XOGĦOL TA' L-ARTIST MALTI MASTRU SALV. DIMECH, MOSTI MLAQQAM 'IS-SARĊ', LI HUWA NAQAX FL-INJAM FL-1868. FIS-SENA 1930 DIN L-ISTATWA REĠGĦET ĠIET ŻGRAFFITA U NDURATA MILL-ĠDID MID-DITTA COLEIRO TA' TRIQ KRISTOFRU, IL-BELT VALLETTA, FI ŻMIEN IL-KAPPILLAN DUN F.S. ZAHRA, ILLUM MONSINJUR.

''HAL BALZAN''

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

"INNU GĦAL NHAR IL-LUNZJATA" TA' DUN KARM

b'kumment minn Ġorġ Borg

Ma nafx kemm huma dawk il-Balzanin li jafu li l-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm, kien kiteb innu biex jitkanta fil-purċissjoni tal-festa ta' nhar il-Lunzjata. Hu x'inhu, iżjed 'l isfel, jien ser inġib dan l-"Innu ta' Ferħ" kif semmieħ Dun Karm u xandru f'wieħed mill-għaddijiet tal-"Malti" u, kif aktar tard, deher fil-"Għana ta' Dun Karm" it-tieni ktieb, "X'emmen il-Poeta" miġbura mit-tabib Ġuże' Bonnici fil-"Għabra ta' Kitba Maltija" fl-1939.

Dan l-innu ma fihx xi poeżija kbira u billi l-poeta aktarx kien imqabbad minn ħaddieħor biex jiktbu, il-ħelma tiegħu ma tixgħelx kemm imissha. B'danakollu, il-versi huma ħfief u mexxejja u l-ħsibijiet li bihom maħdum huma dejjem ta' poeta kbir u għalhekk sbuħija u ħajr jibqagħlu dejjem.

"L-Innu ta' Ferħ" għandu tliet taqsimiet u terġa' kull taqsima fiha żewġ strofi bil-versi tal-għaxra ndirizzati lill-poplu u strofa bil-versi tas-sebgħa ndirizzata lill-Madonna li emmnet u aċċettat li ssir omm Alla. Għal min hu midħla tal-poeżija ta' Dun Karm, nixtieq insemmi li l-ftuħ ta' dan l-innu fih diwi tal-ftuħ tal-poeżija "Il-Milied" ta' l-istess Dun Karm.

Fl-aħħarnett, int li qed taqra ara ġralekx bħali. X'ħin qrajt dan l-innu laqtitni frażi li bqajt nismagħha tidwi f'widnejja għal ħafna wara. Qiegħed ngħid għall-frażi "it-tfajla sabiħa ta' Jesse" li hi msemmija għal darbtejn f'din il-poeżija.

INNU TA' FERĦ

Iftaħ qalbek għall-hena tas-sema,
ġens imjassar fil-għera tad-dnub;
ilek tibki u tiġġerra bla faraġ,
b'qalbek mejta bi ħsiebek midrub:

ara t-tfajla sabiħa ta' Jesse,
ara l-Anġlu, tal-Fidwa ħabbar;
isma' l-kelma ħanina minn Alla
xi ddoqq ħelu fis-satra tad-dar;

Is-sliem għalik, Marija,
Int, xebba tax-xebbiet,
tkun omm, u fik titwettaq
il-Wegħda tas-smewwiet.

Kisser, kisser il-ktajjen tal-jasar;
ibda l-għanja tal-ferħ, tal-ħelsien;
le, mhix ħolma dil-fawra ta' mħabba
li sa tbiddel ix-xejra taż-żmien.

Il-ħabbar illi stenna t-tweġiba
qed jitbissem, hemm dija f'għajnejh;
ħarġet kelma mill-fomm ta' Marija,
li qatt bħalha ma semgħu widnejn;

Jekk bix-xejn tiegħi għoġbu
jitgħaxxaq il-Mulej,
titwettaq fija kelmtek,
ħa jasal il-Feddej.

Dalwaqt tasal fid-dija tas-sema
fuq il-ħeffa tal-ġwienaħ l-Aħbar;
dalwaqt tisma' fuq l-arpi tal-Ġenna
idoqq l-innu tal-Għaġeb li sar;

u bħal berqa tixtered mad-dinja
it-tnedija tal-Għadu midrub,
u lit-tfajla sabiħa ta' Jesse
toħroġ l-għajta ferrieħa mill-qlub:

Is-sliem għalik, Sultana,
li dnub ma tafx xinhu;
Int ftaħt il-bwieb tas-sema,
Omm ħelwa ta' Ġesu'.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

ITTRI LILL-EDITUR

"YOUTH CENTRE"

Sur Editur,

B'riferenza għall-paragrafu 2 ta' l-Editorjal tal-Gazzetta 'Ħal Balzan' ta' Mejju/Ġunju 1974 intitolat 'Youth Centre', qiegħed għan-nom tal-Kumitat u tal-membri tal-'Balzon Youth Centre' nitolbok li tippublika din l-ittra fl-ewwel ħarġa tal-gazzetta 'Ħal Balzan' għall-informazzjoni ta' min jinteressah u biex jitneħħa kull dubju li seta' ntefa' fuq il-membri tagħna.

Nissuspettaw li kieku l-kittieb ta' l-editorjal verament jixtieq il-ġid taż-żgħażagħ Balzanin, kien ikun aħjar li kieku avviċinana dwar l-ilmenti miktuba fl-editorjal għax sa fejn nafu aħna s'issa qatt ma dehru ittri jew editorjali bħal dawn f'dil-gazzetta fuq xi għaqda partikulari ta' Ħal Balzan.

Aħna jidhrilna li l-ilmenti personali għandhom jiġu ttrattati kif jixraq u wieħed ma għandux jisserva bil-Gazzetta għax dan il-metodu jista' jservi aktar ta' deni milli ta' ġid.

Għandek raġun tgħid li (l-'Balzan Youth Centre') "bħalissa żgur li mhux qiegħed jagħmel dan ix-xogħol ta' fejda". Dan hu kollu frott tat-tfixkil li sibna minn persuni li stennejna li jgħinuna u jagħmlulna kuraġġ biex inkomplu naħdmu u norganizzaw l-attivitajiet li ilna nagħmlu minn 1968. Dan jixhduh mhux biss il-Balzanin iżda wkoll il-barranin kif ukoll ir-rapport dwar l-attivitajiet li dehru fil-ġurnali lokali, iżda għal xi raġuni qatt ma deher xejn fil-Gazzetta tagħna 'Ħal Balzan'.

Dwar il-"kliem li ġieli nstema' xejn mhu ta' min ifaħħru" u "xi drabi tara tfajliet dehlin" aħna nitolbuk li tispeċifika u mhux titfa' dell u tiġġeneralizza kif għamilt. Veru ġieli daħlu tfajliet fil-'Youth Centre', iżda għal xi attivitajiet speċjali bil-kunsens u sorveljanza tal-kumitat. Meta smajna xi "kliem mhux ta' min ifaħħru" aħna ħadna passi dixxiplinarji b'deċiżjoni tal-Kumitat.

Kull għaqda għandha r-regolamenti tagħha u xejn inqas il-'Balzan Youth Centre' tagħna (kopja ta' dawn qed nibgħatlek għall-informazzjoni). Għalhekk, Iż-żgħażagħ li għandna u li nistgħu nżommu bħala membri skond il-Liġi u r-regolamenti jistgħu jkunu taħt l-eta ta' 18-il sena. Huwa veru li hemm żewġ membri li għandhom iċ-ċavetta biex jieħdu ħsieb jifthu l-'Youth Centre' u s'issa qatt ma kien hemm każi serji li dwarhom kellna nieħdu passi dixxiplinarji għax f'dawn il-membri u sħabhom naraw li huma żgħażagħ ta' inizjattiva u ta' dekor iżjed milli wieħed jaħseb.

Biex inserrħulek rasek, u "li ma jmurx (il-'Youth Centre') flok iservi ta' ġid jisfa ta' ħsara" nagħmlu appell lilek u lil dawk kollha li għandhom għal qabhom il-ġid taż-żgħażagħ Balzanin bis-serjeta' biex forsi jekk għandhom xi suġġerimenti kostruttivi jew aħjar tistgħu b'xi mod jew ieħor tgħinuna, aħna nieħdu pjaċir bil-kooperazzjoni li tistgħu tagħtuna.

Wara li taqra dawn il-kummenti, nisperaw li kemm inti kif ukoll il-qarrejja tkunu f'pożizzjoni aħjar u ssiru tafu kif inhuma tassew mixjin l-affarijiet fil-'Balzan Youth Centre'. Anzi, jekk jibqagħlek xi dubbji wara li tara dawn il-fatti, aħna nistednuk li tiġi u taqra l-minuti tas-seduti tal-Kumitat tagħna.

Fuq kollox aħna ma nippretendux li ż-żgħażagħ tagħna (bħal kulħadd) huma bla difetti, iżda ż-żgħażagħ kollha (inklużi l-Balzanin) aktar tiġbidhom jekk tkun il-veru missier anzi l-veru ħabib tagħhom u tgħinhom fil-problemi milli tikkritikahom f'kull għemil tagħhom. Għandna wkoll niftakru fi kliem Kristu, "Min minnkom ma għandu l-ebda dnub jitfa' l-ewwel ġebla".

Nirringrazzjak.

Paul Licari
President
Balzan Youth Centre

Nota Editorjali:—

L-ittra tal-President tal-'Balzan Youth Centre' b'ebda mod ma twaqqa' dak li għedna aħna fit-tieni taqsima ta' l-editorjal tagħna tal-ħarġa li għaddiet, anzi huwa qabel magħna li bħalissa l-Y.C. "żgur li mhux qiegħed jagħmel dan ix-xogħol ta' fejda". Is-sur Licari semma l-attivitajiet li jorganizza l-Y.C. u li dawn qatt ma deher xejn dwarhom fil-gazzetta tagħna. Iżda qatt xi darba xi membru tal-kumitat tal-Y.C. bagħat xi rapport lill-Bord għall-pubblikazzjoni? Li kieku xi darba ntbagħtet xi ħaġa, nistgħu naċċertaw lis-sur Licari li din żgur kienet tidher bħalma dehru u għadhom jidhru rapporti u kumitati ta' għaqdiet u każini oħra.

Dwar dak li semmejna li "xi drabi tara tfajliet deħlin", nerġgħu ntennuh u lesti nsaħħuh b'ismijiet li — naħsbu s-sur Licari jaqbel magħna — mhix prudenza jissemmew fil-gazzetta. U dawn it-talin ma daħlux "għal xi attivitajiet speċjali bil-kunsens u sorveljanza tal-kumitat". Nifhmu li dan sar f'ħinijiet meta d-diriġenti tal-Y.C. ma kenux preżenti. Dwar xi "kliem mhux ta' min ifaħħru" li ġieli nstema' aħna lesti nippruvawh ukoll. Aħna żguri u persważi li l-kumitat lest li jieħu "passi dixxiplinarji b'deċiżjoni tal-kumitat", iżda jaf il-President dwar il-kliem li ġieli ngħad meta ħadd mid-diriġenti ma kien preżenti fil-Y.C.?

Għalhekk aħna ma qbilniex li dawn iż-żgħażagħ ikollhom iċ-ċavetta tal-Y.C. f'idejhom! Mhux għax m'għandniex fiduċja fihom! Anzi aħna stess fl-istess editorjal ktibna li dawn iż-żgħażagħ "m'hemm xejn xi tgħid fuqhom", u mhux darba u tnejn faħħarniehom iż-żgħażagħ Balzanin. Aħna qatt ma kkritikajniehom "f'kull għemil tagħhom". Iżda aħna nafu li ż-żgħażagħ, Balzanin u mhumiex, huma kollha l-istess: minħabba n-nuqqas ta' maturita tagħhom, għandhom bżonn min iħobbhom, jidderiġihom, u jmexxihom. U din hi dik l-"id soda" li rreferejna għaliha fl-editorjal tagħna — id soda ta' missier li fl-waqt li jagħder u jħobb lest ukoll li juża l-bastun fejn huwa meħtieġ. Dan, naħsbu, huwa suġġeriment kostruttiv biżżejjed ta' nies "li għandhom għal qalbhom il-ġid taż-żgħażagħ Balzanin bis-serjeta".

U jekk dawn iż-żgħażagħ jiżbaljaw allura jfisser li kulħadd għandu jagħlaq għajnejh għal dak kollu li hu ħażin il-għaliex jifhem li mhux f'pożizzjoni li jwaddab "l-ewwel ġebla"? Jekk ma jwaddabx l-ewwel ġebla ma jkollux għal qalbu l-ġid ta' min jiżbalja. Niftakru li Kristu 'l-midinba qalilha wkoll, "Mur u terġax."

Naħsbu li s-sur Licari m'għandu l-ebda dubju dwar irrieda tajba tagħna li nixtieqa l-ġid lill-Balzanin ħutna — żgħażagħ u mhumiex. Iżda l-ġid ma jsirx biss billi min ħaqqu t-tifħir nagħtuhulu, u min ħaqqu tbeżbiża nibżgħu nagħmluhielu. Jidhrilna li kieku l-gazzetta HAL BALZAN tfaħħar biss u tikkritika qatt titlef ħafna mis-siwi u l-interess tagħha.

L-ISTATWI TA' FUQ IZ-ZUNTIER

Sur Editur,

Jiena ninteressa ruħi ħafna mill-Knejjes tal-Madonna u bħala wieħed minn Ħal Tarxien ma nistax ma nħossx ġibda speċjali lejn il-Knisja Parrokkjali tar-raħal tagħkom, fejn intom bħalna tqimu l-Misterju tal-Lunzjata, jew aħjar ta' l-Inkarnazzjoni tas-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu.

Ma naħsibx li tieħdu fastidju jekk nissogra nindaħal u nagħmel suġġeriment li nixtieq isir fil-Knisja tagħkom. Irrid ngħid li tneħħu l-istatwa sabiħa tal-Madonna u l-Anġlu tal-ġebel li għandkom quddiem il-Knisja u ddaħħluha ġewwa l-Knisja għax din hija tassew opra mill-isbaħ li għandna f'Malta, opra li jixirqilha tkun imħarsa wisq aħjar u aktarx jixirqilha tkun meqjuma fuq l-artal tal-Kor, bħalma hija l-istatwa ta' Santu Wistin fil-Knisja t al-qaddis fil-Belt Valletta.

Bħala artista li jiena, nista' ngħid li din tkun tixraq ħafna f'nofs dik il-prospettiva famuża li għandkom fil-Kor.

Ħal Tarxien.

Rafel Bonnici Cali'.

MUSCAT FLORA
POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN TEL. 42479
Din id-Ditta hija Fergħa tal-
GIARDINO ALLEGRA ta' Catania
MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512
Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN (18)

IL-KNISJA PARROKKJALI (6)

MIN DUN ĠWANN DIMECH

PROGRESS FIL-BINI TAL-KNISJA

Fil-ħarġa ta' qabel din rajna xi tagħrif dwar il-progress tal-bini ta' din il-Knisja Parrokkjali li sibna fir-relazzjonijiet tal-Viżti Pastorali li għamlu lil Ħal Balzan it-tliet Isqfijiet: Mons. Lorenzo Astiria, Mons. Michele Gerolamo Molina, u Mons. Fra David Cocco Palmieri. Din id-darba sejrin inkomplu nara x'ħallewlna bil-miktub tliet Isqfijiet oħra: Mons. Jacobus Canaves, Mons. Gaspar Gori Mancini, u Mons. Paulus Alpheran De Bussan.

Nibdew bir-raba' u l-aħħar Viżta Pastorali ta' l-E. T. l-Isqof Mons. David Cocco Palmieri li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali nhar l-20 ta' Mejju 1709.

Fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali l-oħra, jiġifieri ta' għaxar snin qabel, dik tal-1699, insibu li: "Dalwaqt jibda l-bini tal-Koppla." U nsibu wkoll li: "Għadu kemm inbeda x-xogħol tal-bini ta' Sagristija n-naħa tax-xellug tal-Kor fuq in-naħa ta' barra tal-Knisja." (1)

F'din il-Viżta nsibu li s-Sagristija u l-Kor huma lesti. Tant hu hekk li naqraw fir-relazzjoni li: "Is-Sagristija n-naħa tax-xellug tal-kor hi issa lesta. Il-Koppla hi lesta wkoll. Bejn it-twieqi tagħha, min-naħa ta' ġewwa, hemm ornamenti sbieħ ħafna." F'din il-Viżta jissemma għall-ewwel darba l-uniku kampnar li għandha din il-Knisja u li hu mibni kważi mifrud mill-korp tal-Knisja. Naqraw li: "Il-Kampnar għadu kemm inbena, qiegħed fin-naħa tax-xellug tal-Knisja. Titla' għalih b'tarag żgħir u għandu bieb fit-triq. Fih qanpiena waħda." (2)

Fil-bidu għedna li din kienet l-aħħar Viżta Pastorali li għamel lil Ħal Balzan l-Isqof David Cocco Palmieri għaliex insibu li miet nhar id-19 ta' Settembru 1711 fl-eta' ta' 80 sena wara li dam għal mhux anqas minn 23 sena bħala Isqof ta' Malta. (3)

Sitt xhur wara miet ukoll il-ħabrieki Kappillan Dun Marju Calleja, nhar is-17 ta' Marzu 1712, wara li dam Kappillan għal sittax-il sena. (4)

Tliet snin wara li l-E. T. Mons. Jacobus Canavas ġie maħtur Isqof ta' Malta, ħaseb li jagħmel Viżta Pastorali lil Ħal Balzan. Din kienet l-unika Viżta li għamel lil din il-Parroċċa. Dan l-Isqof għażel il-Festa ta' l-Appostli San Xmun u San Ġuda, nhar it-28 ta' Settembru 1716, biex jagħmel il-Viżta tiegħu. Dak inhar kien Kappillan Dun Marju Tonna minn din il-Parroċċa stess, u dam sa ma miet għal 38 sena.

Fir-relazzjoni tal-Viżta ta' dan l-Isqof Canavas insibu fl-ewwel parti msemmija l-istorja tat-twaqqif tal-Parroċċa u fit-tmiem insibu dan dwar il-Kor: "In-naħa ta' fuq tal-Kor, fuq iċ-ċinta fuq iż-żewġ naħat, hemm żewġ twieqi kbar bil-ħġieġ." (5) Dan hu kull ma sirna nafu ġdid dwar il-korp tal-Knisja minn din ir-relazzjoni. Il-bqija konna nafuh minn Viżti pastorali oħra.

L-Isqof Canaves miet nhar it-3 ta' Ġunju 1721. Sena wara laħaq l-Isqof Gaspar Gori Mancini nhar l-1 ta' Ġunju 1722. (6) Dan l-Isqof għamel viżta waħda lil Ħal Balzan, u din kienet nhar is-16 ta' Mejju 1723. F'din il-Viżta nsibu deskrizzjoni dwar is-Sagristija, il-Kor, il-Kampnar u l-Koppla. Din il-Viżta għad isservina meta niġu biex nitħaddtu dwar dan il-bini aktar 'il quddiem. Għal issa nikkuntentaw b'dan li nsibu dwar il-Knisja in ġenerali fejn naqraw li: "Il-Knisja hi kbira biżżejjed għal din il-Parroċċa. Hi nadifa ħafna u għandha ħames bibien għal barra." (7)

L-Isqof Gori Mancini miet f'Augusta fi triqtu lejn Malta minn Ruma, nhar is-16 ta' Lulju 1727. Il-qalb ta' dan l-Isqof hi midfuna fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Wara dan l-Isqof, laħaq Isqof ta' Malta l-Kappillan ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Paulus Alpheran De Bussan, nhar it-8 ta' Marzu 1728. (8)

L-Isqof Paulus Alpheran De Bussan għamel tliet Viżti Pastorali lil din il-Parroċċa. L-ewwel waħda għamilha nhar is-6 ta' Diċembru 1729. F'din il-Viżta ma nsibu xejn partikulari dwar l-istruttura tal-Knisja Parrokkjali. Insibu biss għal darb'oħra l-istorja ta' kif Ħal Balzan ġie maqtugħ Parroċċa għalih minn dik tal-Matriċi ta' Birkirkara. (9)

Fit-tieni Viżta ta' dan l-Isqof Alpheran, li saret nhar l-1 ta' Mejju 1736, insibu msemmija l-post fejn ġiet mibnija din il-Knisja, kif ukoll dwar l-arkitettura tagħha, fejn igħid: "Din il-Knisja ġiet mibnija f'parti wietja ta' Ħal Balzan. Din il-Knisja ġiet mibnija skond l-aħħar żviluppi ta' l-arti arkitettonika. Għandha l-faċċata tagħha tipiċċa b'salib tal-ġebel, u tħares lejn il-Punent. Din il-Knisja għandha forma ta' Salib. Is-saqaf tal-kursija hu ffurmat minn għadd ta' ħnejjiet. Il-Koppla ta' din il-Knisja hi kbira u sabiħa ħafna li żżejjen din il-knisja. Il-Knisja hi kollha kemm hi miżmuma tajjeb ħafna u nadifa tassew. Il-Kor hu spazjuż. Is-Sagristija li hi fuq in-naħa tax-xellug tal-kor tintlaħaq minn żewġ bibien: wieħed mill-Kor u l-ieħor mill-Kappellun tax-xellug tal-Knisja." Kien f'din il-Viżta li nsibu jissemma għall-ewwel darba l-Oratorju li hemm ħdejn is-Sagristija u li kien qisu kappella żgħira. Naqraw: "Dan l-Oratorju hu maħsub biex fih is-saċerdoti jħejju ruħhom għas-sagrifiċċju tal-Quddiesa." (10)

L-arma ta' l-Isqof
Fra Giacomo Canaves

L-arma ta' l-Isqof
Fra Gaspare Gore Mancini

L-arma ta' l-Isqof
Fra Paolo Alferan De Bussan

Referenzi:

1. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251. Kurja Arċiv.
2. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 15. Kurja Arċiv.
3. BONNICI A. Mons.: History of the Church in Malta, Vol II, p. 14.
4. BORG J.: Il-Kappilani ta' Ħal Balzan. "Ħal Balzan" nru. 15.
5. CANAVES J.: Visit. Past. Kurja Arċiv.
6. BONNICI A. Mons. Ibid Cit.
7. GORI MANCINI G.: fol. 385. Kurja Aċiv.
8. BONNICI A.: Ibid. Cit.
9. ALPHERAN DE BUSSAN P.: fol. 727. Kurja Arċiv.
10. ALPHERAN DE BUSSAN P.: fol. 330. Kurja Arċiv.

LIL ĦBIEBKOM
LI JIĠU MINN
BARRA GĦAL
XI VAGANZA
IRRAKKOMAN-
DAWLHOM
MOLLY'S
GUEST HOUSE
FIRST CLASS
BED & BREAKFAST
72, BALZAN VALLEY
BALZAN - MALTA
Phone 41296

SOĊJETA' MARIJA ANNUNZJATA, BALZAN

A. D. 1890
Kumitat għas-sena 1974

President Onorarju: L-Onor. Nutar George Borg Olivier LL.D., M.P.
President: Paolo Grima
Segretarju: Charles Chetcuti
Kaxxier: George Borg
Viċi-President: Alfred Barbara
Asst. Segretarju: Paul Camilleri
Asst. Kaxxier: Gabriel Pullicino
Membri: Charles Attard, Vincent Bonello, Angelo Ellul, Sunny Mallia, Emy Micallef
Direttur Spiritwali: Rev. John Zammit Hammet
Konsulenti Legali: L-Onor. Dr. A. Borg Olivier de Pujet LL.D., M.P., Dr Joe Fenech LL.D.

JOSEPH BARTOLO
24, VALLEY ROAD, BALZAN
Dealers in: Fresh Flowers and Plants; Suppliers to Messes, Hotels, Clubs, English, and Foreign and Private Families.
Orders for: Fresh Flowers, Wedding and complimentary Fancy Bouquets Promptly Executed at the shortest notice and at Very Moderate Charges. Phone: 42694

IS-SUR NICHOLAS BONELLO, MANAGER TA'
TRAVELWAYS INTERNATIONAL — 21, ST. JOHN STREET, VALLETTA
JIXTIEQ FESTA TA' PJAĊIR LILL-BALZANIN KOLLHA
GĦAL KULL XORTA TA' VJAĠĠAR, ĠITI, BL-AJRU, BIL-BAĦAR, TRENI, EĊĊ. ĊEMPLU 21756

L-ISQOF MONSINJUR ANTON GRECH DELICATA J.U.D.

Dan l-aħħar kont mistieden għat-tieġ ta' bint is-Sur Tony Darmenia, Spiżjar Prinċipali tal-Gvern, kollega u ħabib antik tiegħi li ilna mal-Gvern daqsinsew 33 sena kull wieħed minn Ħal Balzan, u wara l-Quddiesa wieħed mill-mistednin staqsieni, peress li kien jaf li jiena ninqala' xi ftit għall-istorja ta' pajjiżna, jekk nafx min kien l-Isqof Grech Delicata msemmi fuq l-irħama sabiħa fuq il-pilastru prinċipail tal-lemin fil-korsija tal-knisja.

jikteb il-Kavallier Joseph Borg, K.M., Ph. C., L. P.

MONSINJUR ANTON GRECH DELICATA, J. U. D., "DEI MARCHESI TESTAFERRATA CASSIA" KIEN IT-TIENI ISQOF T'GĦAWDEX (24.9.1868 — 31.12.1876) WARA L-EWWEL ISQOF T'HEMM MONSINJUR MIKIEL BUTTIĠIEĠ, D.D., MILL-QALA, U WARA L-AMMINISTRATUR APOSTOLIKU FRA PAWL MICALLEF, O. S. A., S. TH. M., MILL-BELT VALLETTA.

L-Isqof Grech Delicata twieled il-Belt Valletta fit-23 ta' Frar, 1823, mill-Kavallier Dr Bartilmew Grech Delicata mill-Belt u martu n-nobbli Annunzjata "dei Marchesi Testaferrata Cassia" minn Ħal Balzan; min-naħa t'ommu kien jiġi mill-uniku Kardinal Malti Fabriz "dei Baroni Sceberras Testaferrata". J.U.Dulleġġ "Clementino dei Nobbli" u wara fl-"Universita' della Sapienza", minn fejn ak Huwa għamel l-i s t udji tiegħu fil-Filosofija u fit-Teoloġija f'Ruma, l-ewwel fil-Kkwista d-dottorat f'"Ambo le Leggi — Canonica e Civile".

Fl-1843, meta kien għadu ta' eta' pjuttost żgħira, ta' 20 sena, il-Papa Girgor XVI (1831-1846) laħħqu Kanonku fil-Katidral ta' l-Imdina, waqt li fl-1851 il-Papa Piju IX (1846-1878) onorah bit-titolu ta' Prelat Domestiku w allura Monsinjur, u fl-1867 "Referendario della Signatura della Giustizia".

Meta Monsinjur Isqof Patri Agostinjan Micallef ħalla l-Amministrazzjoni tad-Djoċesi t'Għawdex, il-Papa għamel, fis-17 ta' Mejju 1867, lill-Monsinjur Anton Grech Delicata Isqof-Titulari ta' Caledonia, Assistent fit-Tron tiegħu w Amministratur Apostoliku fid-Djoċesi t'Għawdex, il-għaliex il-Għawdxin urew li xtaqu li Monsinjur Micallef jirritorna mill-Italja u jkun magħmul Isqof effettiv tagħhom, tant li Monsinjur Grech Delicata, biex juri rispett lejn l-Agostinjani w anki biex jagħti x'tifhem lin-nies li hu ma kellu xejn kontra Monsinjur Micallef, mar joqgħod fil-kunvent tagħhom u sa għażel lill-Prijur tagħhom l-Għawdxi Patri Nikol Cilia, S. Th. M. bħala Segretarju tiegħu.

Il-Kapitlu tal-K a t i d r a l t'Għawdex ġie mgħarraf bin-nomina tiegħu fit-30 ta' Novembru, 1867.

L-Isqof Grech Delicata sar Djoċesan t'Għawdex fl-24 ta' Settembru 1868; huwa għażel lill-Kanonku Gejtan Bondi biex jieħu l-Pussess f'ismu fl-24 ta' Jannar 1869, u l-Isqof għamel l-I n g r e s s Solenni tiegħu fil-Katidral f'Ġunju ta' dik is-sena.

Mal-bidu tal-karriera aktarx qasira tiegħu f'Għawdex huwa ppromwova 'l-Kanonku-Arċipriet tal-Għarb Dun Feliċ Refalo, D.D. (7.4.1876—12.7.1868), bħala Kuġitur tax-xwejjaħ Kanonku-Arċipriet tal-Katidral Dun Franġisk Mercieca (Jannar 1865 — 15.4.1869) mit-13 ta' Lulju 1868 u effettiv mis-16.4.1869, fejn kompla sa ma miet fl-eta' ta' 79 sena fit-22.5.1917.

Waħda mill-ewwel funzjonijiet speċjali tiegħu bħala Isqof kienet li reġa' kkonsagra l-Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita f'Sannat wara t-tkabbir tagħha fi żmien il-Kappillan Dun Ġan-Indri' Vella min-Nadur fit-22 ta' Novembru, 1869.

L-Isqof Grech Delicata ħa parti fl-Ewwel Konċilju Ekumeniku tal-Vatikan 1869-1870 flimkien ma' l-Arċisqof u Isqof f'Malta Fra Gejtan Pace Forno, O. S. A., S. Th. M. minn Għawdex u l-Isqof l-ieħor ta' Santu Wistin li diġa' semmejt Pawlu Micallef ta' "Citta' di Castello".

Il-lapida li tfakkar lill-Isqof Monsinjur Anton Grech Delicata J. U. D. li tinsab mal-pilastru ewlieni tal-lemin fil-korsija tal-Knisja Parrokkjali.

Fit-3 ta' Marzu 1872 l-Isqof Grech Delicata waqqaf il-Parroċċa tal-Qala bi Knisja Parrokkjali fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni u b'Kappillan 'il Dun Salv. Grima li kien ilu Viċendarju hemm mill-1867 u li baqa' sal-5 ta' Novembru, 1880. Il-Knisja Parrokkjali preżenti ta' San Ġużepp inbdiet mit-tieni Kappillan Dun Ġużepp Diacono, pero' tkompliet, ġiet imsaqqfa w armata tul iż-żmien tat-tielet Kappillan t'hemm Dun Ġwann Saliba minn Vittorja.

Monsinjur Grech Delicata kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna u biex ikabbar dejjem iżjed l-imħabba tal-Għawdxin lejHa, irregala fl-1873 lis-Santwarju tal-Qala pittura tagħha taħt it-titolu ta' "Salus Infirmorum" — Saħħa tal-Morda, magħmula mill-artist famuż Ruman Pietru Gagliardi, u llum tinsab fil-Knisja Parrokkjali preżenti ta' dan id-distrett; u għalhekk kien ta' pjaċir kbir ukoll għalih meta fl-1875 il-Kanonku Salv. Farrugia stabbilixxa fondazzjoni biex issir il-kwindiċina ta' Quddies Kantat fil-Katidral qabel il-festa ta' Santa Marija, u li fl-1876 ix-xwejjaħ Kanonku Mikiel Sammut (li kien Pro-Vigarju qabel l-Erezzjoni) ħareġ 100 skud għat-tużell tal-festa.

Huwa ordna li l-purċissjoni penitenzjali votiva, li fiha jieħdu parti l-Parroċċi t'Għawdex kollu, ta' San Girgor fit-12 ta' Marzu mill-Katidral għall-knisja tal-qaddis f'Kerċem kellha tispiċċa wara li tasal hemm u ssir il-Quddiesa Kantata ta' ringrazzjament, u cioe' ma kellhiex terġa' tirritorna għall-Katidral bħalma kien isir qabel; waqt li ż-żewġ purċissjonijiet żgħar, hekk imsejħa tar-"Rogazzjoni", kellhom jibdew isiru għall-knejjes viċini "ta' Savina" (Twelid tal-Madonna) u ta' San Ġakbu Appostlu u mhux għal dawk tal-Patrijiet ta' Sant' Wistin u ta' San Franġisk (Konventwali) rispettivament kif kien preskritt fl-imgħoddi.

Monsinjur Grech Delicata waqqaf l-uffiċċju ta' Teologu fil-Kolleġjata Parroċċa tal-Għarb fit-12 ta' Ottubru 1869, kif ukoll id-dinjita ta' Arċidjaknu fil-Kapitlu Katidrali fl-1871.

Fl-4 t'Awissu 1872 huwa a k k w i s t a lill-Kapitlu tal-Katidral tiegħu mingħand l-imsemmi Papa Piju IX l-użu tal-mantell kbir vjola u tal-buġija, żewġ prerogativi ta' Monsinjuri Domestiċi (tattieni, li kienu jużawha anki l-Patrijiet Provinċjali, issa għal kull ekkleżjastiku b'ordni tal-Papa preżenti tat-8 ta' Settembru, 1968).

Dan l-Isqof kera mingħand il-Vigarju-Ġenerali tiegħu fl-aħħar żmien ta' ħajjet dan "Palazzo Bondi" fit-triq prinċipali hekk imsejħa "tat-tiġrija" għall-użu ta' l-Isqfijiet tad-Djoċesi u li wara nxtrat mis-suċċessur tiegħu Monsinjur Pietru Pace, D. D. , J. U. D., K. C. V. O., G. C. O. J. minn Għawdex (twieled 9.4.1831, Isqof 8.4.1877, Arċisqof u Isqof f'Malta 11.2.1889 u miet 29.7. 1914) mingħand Dr Louis Bondi, ħu u werriet tal-Kanonku Gejtan, bis-somma ta' 25,000 skud (madwar £M2,000) fl-Atti tan-Nutar Feliċ Cremona tal-20 t'Awissu 1881, u l-Katidral ħallas l-ewwel pagament ta' 300 skud f'Ottubru, 1882.

L-Isqof Grech Delicata kien magħmul Membru-Onorarju tas-"Societa' Promotrice Cattolica Maltese" li kellha bħala President tagħha lin-nobbli Ġorġ "dei Conti Sant".

Huwa nnomina bħala eżekuturi tat-testment tiegħu liż-żewġ ħutu qassisin: il-Kanonku-Onorarju tal-K a t i d r a l t'Għawdex mill-1869 Monsinjur Salvu, Prelat Domestiku, u lill-Kanonku tal-Katidral ta' l-Imdina Monsinjur Dun Ġwann (li ta' dan hemm l-irħama tal-qabar 'l isfel fil-korsija tal-Katidral ta' Malta), u dawn wara l-mewt ta' l-Isqof informaw lill-Kapitlu fl-1879 li ħuhom xtaq li ssirlu Quddiesa Kantata Funebri kull sena għal ruħu u li għal dan il-fini kien ħalla legat ta' flus li jirrendu l-interessi neċessarji annwali ta' tnax-il xelin u nofs (62 ċenteżmu u 5 mileżmi) fl-Atti tan-Nutar Kristofru Frendo tal-4 ta' Marzu, 1879. Huwa ħalla wkoll xi proprjeta' biex biha tiżdied ir-renta tal-"mensa" ta' l-Isqof t'Għawdex, kif ukoll biex jitħaffer qabar għall-użu tiegħu u ta' l-Isqfijiet l-oħra t'Għawdex fil-kappella ta' Sant' Orsla.

Ħuthom oħrajn kienu l-għażeb tabib Ġan-Karlu, M.D., J.U.D., Professur ta' l-Istorja Naturali u fl-istess żmien tal-Mediċina Legali fl-Universita' (1859-1880), fundatur tas-"Societa' Economico Agraria" u li miet fil-31 ta' Diċembru 1882; is-sinjura Annunzjata miżżewġa Debono Cassia li binha kien il-Monsinjur Alwiġ-Marija, S. Th. D., Prelat Domestiku (1854-1938) Kanonku ta' l-Imdina u li tiegħu wkoll hemm il-lapida sepolkrali "apud avunculum Joan. Grech Delicata"; u n-nobbli Orsla Grech Delicata Theuma Castelletti li kienet ħallset għall-irħama sepolkrali fl-art tal-kappella msemmija ta' Sant' Orsla fil-Katidral fl-1885 żmien l-Isqof Pietru Pace kif ukoll għall-irħama fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, u li minn flusha għamlet ukoll fl-1882 id-djadema tal-fidda f'ras "Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani" tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira għand il-Patrijiet Franġiskani ta' Ġieżu tar-Rabat—Malta.

L-Isqof Anton Grech Delicata miet fil-Belt Valletta wara marda qalila fl-eta' żgħira ta' 53 sena fil-31 ta' Diċembru, 1876. Hu t-tieni mit-tliet Isqfijiet t'Għawdex li miet f'dik il-kariga u għalhekk il-Kapitlu jagħmillu Quddiesa Kantata "de Requie" tul l-ewwel ġimgħa ta' Jannar. Ġismu ġie meħud fil-Knisja Parroċċa ta' l-Annunzjata ta' Ħal Balzan akkumpanjat mill-Awtoritajiet E k k l e ż j a s t i ċ i u Ċivili nkluż il-Gvernatur Sir Charles Thomas Van Straubenzee, G. C. B., 1.6.1872 — 5.6. 1878, (li, inċidentalment, peress li kien twieled Malta f'Fort Rikażli fis-17 ta' Frar 1812, kien jirrispetta wisq lil niesna u huma kienu jirrispettawh ħafna wkoll kif urewh tant tajjeb fit-tluq tiegħu minn Malta), il-Kapitlu ta' l-Imdina u ħames deputati mill-Kapitlu tiegħu: l-imsemmi Arċipriet Feliċ Refalo, D. D., it-Teżorier Franġisk -Saver Formosa, it-Teologu Ġużepp Mizzi, D.D., Kanonku Salvu Grech u l-Kuġitur Karmnu Sultana. Huwa ġie midfun fil-qabar tal-familja f'dil-Parroċċa, li l-lapida

(jissokta f'paġna 8)

SER TIŻŻEWWEĠ?

SER TITGHARRAS?

SER TAGHMEL XI PARTY?

IS-SALA

"AURORA"

HIJA L-POST IDEALI GHALIK

Bookings għand il-KAPPILLAN

Tel. K. 42614

GABRIEL CARUANA-ORGANIZZATUR

IL-BNIEDEM LI JMEXXI LILL-POPLU JRID JAHDEM MA' L-ISTESS POPLU KULL HIN, KULL WAQT, KULL MUMENT, KULL META JKUN MEHTIEĠ U KIF IKUN JEHTIEĠ. IL-BNIEDEM LI JMEXXI LIL SHABU JAGHMEL MINN KOLLOX BIEX JARAHOM MEXJIN FL-GHANIJIET TAGHHOM U JEKK IKUN HEMM BŻONN SAHANSITRA JOHROĠ IL-FLUS MINN BUTU. FL-AHHAR U MHUX L-ANQAS, IL-MEXXEJ IRID JAGHMEL IL-KURAĠĠ LIL SHABU HALLI META JIĠI NIEQES HU L-ORGANIZZAZZJONI JEW SOĊJETA' LI JKUN QED IMEXXI MA TISPIĊĊAX FIX-XEJN. MINHABBA F'HEKK MA JRIDX IGHIR GHAL DAWK LI JIEHDU L-INIZJATTIVA SABIEX JORGANIZZAW XI ATTIVITA' FL-ISTESS SOĊJETA' JEW ORGANIZZAZZJONI, ANZI GHANDU JAGHMEL MINN KOLLOX SABIEX IGHINHOM.

Bla dubju ta' xejn, Hal Balzan, bħal irħula oħrajn ta' Malta, ra mexxejja bħal dawn. Mexxejja li matul iż-żminijiet waqqfu soċjetajiet ġodda bla ma kissru t-tajjeb li kien jeżisti qabel.

Wieħed minn dawn il-mexxejja huwa Gabriel Caruana li ħafna jafuh bħala l-artista taċ-ċiramika, li għamel isem għalih kif ukoll għal art twelidu f'esibizzjonijiet internazzjonali. Illum, iżda, aħna ma rridux narawh bħala artista imma bħala wieħed mill-aħjar organizzaturi li qatt ra r-raħal tagħna.

minn
GWIDO BORG

Is-Sur Gabriel Caruana twieled Hal Balzan fis-7 t'April, 1929, minn Antonio u Beatrice nee' Ebejer Michelizzi. Sa minn ċkunitu wera ġibda kbira lejn is-soċjeta' 'San Gabriel' fejn zijuh Luigi Ebejer B. E. M. kien segretarju ħabrieki. Ta' spiss kien jidher idur mas-soċi jnewlilhom l-għodda hekk kif kienu jkunu qegħdin jarmaw għal xi festa. Jidher li l-ħeġġa tiegħu ntgħoġbot għax ta' seba' snin, jiġifieri fl-1936, ġie magħżul flimkien ma' Valentino Muscat (in-neputi tal-Kaxxier preżenti) sabiex jippreżenta bukkett fjuri lill-Gvernatur Bonham Carter li żar Hal Balzan, meta l-banda 'King's Own' daqqet għall-ewwel darba f'dan ir-raħal.

Iz-ziju Wiġ, kif kien isejjaħlu Gabriel, malajr ħajru biex jidħol soċju u ftit wara, dejjem bil-permess ta' missieru, huwa ddeċieda li jagħmel l-ewwel biċċa xogħol tiegħu — it-tibdil tal-fustuni tat-toroq li kienu tmermru mhux ħażin. Huwa mhux biss għamilhom ġodda, iżda organizza d-dawl aħjar u fejn seta' żied magħhom ukoll.

Ftit wara tħajjar jibda jiġbor għall-festa u flimkien ma' Abraham Muscat, Piju Ebejer, u Nicola Bonello, beda jdur it-toroq ta' Hal Balzan. Ta' sbatax-il sena b'ħeġġa li ma titwemminx beda jiġbor il-flus ħalli ssir statwa ta' Malta u fejn ma laħqux il-flus żied minn flusu. Ftit wara ġabar għal sett pavaljuni tad-drapp li saru fuq disinn ta' Mikiel Micallef, magħruf bħala l-Boqboq. Fl-istess sena, jiġifieri fl-1946, ġabar għall-kolonni tal-kuruna li llum jintramaw ħdejn il-każin 'San Gabriel'. Dawn ġew maħduma fuq disinn ta' Wiġi Ebejer u Abraham Muscat ħadem ix-xogħol ta' l-injam.


Il-persuna ta' Gabriel Caruana issa kienet familjari biżżejjed f'Hal Balzan. Twil u milbrum, b'mixja meqjusa iżda soda, ma jaqta' qalbu minn xejn u fid-determinazzjoni tiegħu joqgħod attent sabiex ma joffendix lil sħabu, kien ta' spiss dieħel u ħiereġ fil-każin u meta kien ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa kien idum is-siegħat hemm ġew jaħdem bla heda.

Ix-xogħol prinċipali tiegħu matul dan iż-żmien kien li jħeġġeġ lil sħabu u sabiex iż-ommhom magħqudin kien igħaddi xi ħin jaqralhom ir-rumanzi fil-bitħa tal-każin.

Fl-1949, ġietu l-idea li jagħmel id-disinn tal-faċċata bl-elettriku. Malajr taħa għax-xogħol tal-ġbir u f'qasir żmien ġabar £250. L-injam ġie rranġat minn Abraham Muscat u Ġużeppi Azzopardi. Għal tliet xhur sħaħ fin-nofs ta' nhari ħadem fuq l-elettriku tad-disinn tal-faċċata li jikkonsisti fi tmien mitt bozza. Huwa ħadem b'xejn, jekk mhux ukoll bla ma jitkellem xejn kien joħroġ il-flus mill-but. Miegħu ħadmu b'xejn ukoll mhux biss dawk li rranġaw l-injam iżda wkoll Pietru Borg u Ċensu Brincat li għenuh fl-elettriku. Id-disinn tal-faċċata ġie mixgħul għall-ewwel darba fl-Anno Santo, jiġifieri fl-1950.

Kien fis-sena ta' wara, meta Gabriel kellu tnejn u għoxrin sena, li ġie elett fil-Kumitat tal-Każin 'San Gabriel', fejn ingħata l-kariga ta' segretarju — kariga li għadu jżomm sal-lum. Ftit xhur wara huwa ħasad il-kumitat meta ssuġġerixxa li fil-każin għandha titwaqqaf il-banda. M'għandniex xi ngħidu, kien suġġeriment ta' riskju kbir għax biex twaqqaf banda trid il-flus. Dak inhar huwa ġie kkritikat li ried ifaqqar il-każin, iżda huwa baqa' sod fil-fehma tiegħu u jidher li qagħad attent ħafna biex ma jiksirhiex mas-soċji aktar anzjani minnu. Fl-aħħar aktarx minħabba l-kelma soda tiegħu u l-ħeġġa li kien wera qabel, il-Kumitat ħa d-deċiżjoni tiegħu.

Gabriel Caruana kellu l-permess li jwaqqaf banda kemm irid basta li l-kumitat ma jkunx responsabbli għall-flus. L-ebda sold ma kellu joħroġ mill-kaxxa tal-każin u fuq kollox kellu jaħseb għal kollox hu. Kienet deċiżjoni li tbażża' iżda Gabriel laqa' l-isfida. Fost oppożizzjoni qawwija beda jiġbor bandisti Balzanin u ġie magħżul is-surmast Carmelo Briffa biex jibdew isiru l-ewwel kunċerti. Is-Sur Caruana beda jorganizza l-fieri, lotterijiet, jitlob lin-nies sabiex ikabbrulu l-flieles u jdur lejn individwi privati. Minn dan l-att, il-Konti Bernardu Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, kien igħinu billi jagħtih xi oġġett għal-lotterija. Ftit illum jafu li għal xi żmien Gabriel kien iħallas lis-surmast minn butu stess. Xtara wkoll minn flusu l-mużika tas-Surmast Ġanni Vella — mużika li għadha tin-



Gabriel Caruana jidher ħdejn biċċa xogħol ta' wieħed mill-istudenti tiegħu.

sab fl-arkivju tal-każin. Bħal ma jaf kulħadd, il-banda mhux biss twaqqfet iżda bdiet iddoqq ukoll.

Fl-1953, fir-'Royal Visit' tal-Maesta' tagħha r-Reġina Elizabetta II, huwa rrappreżenta lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel' f'ċerimonja li kienet saret fil-Pjazza ta' Hal Balzan. Dak inhar kien ġie rregalat bukkett fjuri lill-Maesta' Tagħha miċ-ċkejken Paul Vassallo. (Ritratt fil-Każin).

Fl-1954 insibuh Segretarju Relazzjoni Baned fil-'Malta Band Clubs Association', kariga li għadu jżomm sallum.

Bejn is-snin 1952 — 1960 Gabriel interessa ruħu sewwa fl-attivitajiet tal-Karnival, u ma' l-interess ta' Gabriel Caruana daħal ukoll mhux biss il-Każin tal-Banda 'San Gabriel' imma Hal Balzan kollu. F'Gabriel, il-poplu Balzani kien issa jara l-bniedem sinċier, il-bniedem li ma jaqta' qalbu minn xejn, il-bniedem li jorganizza għas-suċċess. Lejl u nhar, fil-każin jew barra fil-pjazza, il-membri tal-Każin kienu jaħdmu b'ħeġġa u entużjażmu li ma jitwemmnux. Fl-organizzazzjoni u fix-xogħol ta' l-ewwel karru kien megħjun bis-sħiħ mis-Sur Freddie Muscat. Fl-1953, ħadem żewġ karrijiet għall-okkażjoni tażżjara tar-Reġina f'Malta wara l-'Coronation'. L-akbar suċċess tiegħu kif ukoll tal-Balzanin sħabu kien fl-1958 meta ħadem il-karru 'Spotty Sputniks' li kien ħa l-ewwel premju. B'kollox, fis-sensiela ta' karrijiet għall-karnival, il-Każin tal-Banda 'San Gabriel' kiseb darbtejn l-ewwel u darba t-tieni (F'din l-okkażjoni l-ewwel premju ma kienx ġie mogħti). Ta' min isemmi li l-flus li kienu jidħlu kienu kollha jmorru għall-fondi tal-Każin.

Ftit snin wara, Gabriel beda jaħseb biex isib post aktar addattat għall-każin. Dwar dan kellu ħafna diffikultajiet iżda bħas-soltu tiegħu ma tfixkel xejn u baqa' jaħdem biex jara l-ħolma tiegħu ssir realta. Wara li l-Kumitat qabel maddeċiżjoni tiegħu, saret seduta ġenerali fejn ġie deċiż illi għandu jinxtara l-post fejn il-Każin jinsab illum peress li kien ikbar mill-ieħor kif ukoll kellu faċċata akbar. Bħas-soltu s-Sur Caruana ndaħal biex jiġbor il-flus u bl-għajnuna ta' Piju Ebejer malajr intlaħqet is-somma meħtieġa. B'hekk, issa d-dar tal-Każin kienet saret ta' l-istess membri.

Is-Sur Gabriel Caruana malajr beda juża l-bitħa sabiħa li kellu l-każin il-ġdid u wara li ġiet irranġata beda jorganizza xi teatrini għall-Balzanin. Fl-istess żmien huwa talab lil Joseph Gauci, li flimkien ma ħuh kien għadu kemm wasal mill-Amerika, sabiex jippreżenta xi standardi lill-Każin. Is-Sur Gauci malajr laqa t-talba tiegħu u f'qasir żmien l-istandardi ġew preżentati mill-Ambaxxatur Amerikan. Fl-istess waqt huwa kien qiegħed jitħabat biex jinxtraw il-katuba, il-platti u t-tamborlin, li b'kollox kienu jiswew madwar £120 u biex ukoll isir il-madum fil-Każin. Il-Konti Manduca malajr indaħal biex joħroġ is-somma ta' flus meħtieġa.

Kif kulħadd jaf, Gabriel Caruana minn dejjem kellu ħajra lejn l-arti oriġinali tant li bħalissa huwa membru fil-Kunsill tal-'Malta Society of Arts', kif ukoll membru fil-kumitat tal-'Malta International Trade Fair'; u għalhekk ma neħduhiex bi kbira li ħalla wkoll il-marka tiegħu dwar dan fil-Każin. Bla ma qatt talab flus lil ħadd huwa beda jirranġa l-'bar' kif ukoll is-sala. Id-disinji tiegħu ntgħoġbu u damu hekk għal xi żmien. Għalkemm dawn illum ġew mibdula, madankollu għadha tidher il-mural "Priestess of Bacchus" fil-bar.

Matul dan iż-żmien huwa ħaseb f'dawk li kieu mietu fl-isplużjoni tan-nar fl-1903, u għalhekk ġabar biex titpoġġa lapida b'isimhom fiċ-Ċimiterju ta' Hal Balzan. Il-ħasra hija li xi ħadd ħawwel siġra taċ-ċipress quddiemha u għalhekk illum hija mgħottija għal kollox mill-friegħi tagħha.

Kif jidher, Gabriel ma kienx biss enerġiku iżda wkoll mimli ideat — ideat li huwa ħadem bis-sħiħ biex iseħħu. Madankollu hija ħaġa mpossibli li kollox iseħħ. Hekk fl-1955 kienet ġietu l-idea biex jorganizza l-ewwel kumitat ċiviku. Kienet saret l-ewwel laqgħa u deher li kollox kien se jkun suċċess, iżda meta wasal iż-żmien għat-tieni laqgħa huwa baqa' waħdu għax għal xi raġuni jew oħra l-membri l-oħra ma kinux preżenti.

Kienet idea ferm qabel żmienha għaliex nafu li l-Kumitat Ċiviku kellu jitwaqqaf tnax-il sena wara u s-Sur Caruana kellu jkun wieħed mill-ewwel membri tiegħu.

Bħala veru Balzani, Gabriel Caruana jixtieq li jara l-knejjes u xi djar antiki rrestawrati, kif ukoll li kulħadd jibża' għal kull "traba Balzanija", u bħala Segretarju tal-Każin tal-Banda huwa jħares b'sodisfazzjon lejn ix-xogħol li għadu jsir fil-post li huwa ferm għal qalbu.

Gabriel ħabb lil Hal Balzan u Hal Balzan ħabbu. Bla dubju ta' xejn ix-xogħol siewi tiegħu, kif ukoll il-kwalitajiet sbieħ tiegħu bħala mexxej, għad jibqgħu msemmija fl-istorja ta' Hal Balzan.

BALZAN BUTCHER SHOP

FALZON BROS.

107, MAIN STREET, BALZAN

THE BOOKWORM

NAXXAR ROAD, B'KARA

Tel: 45269

BOOKSELLERS

STATIONERS

NEWSAGENTS

EDUCATIONAL TOYS

SETT PAVALJUNI ĠODDA GĦAL TRIQ IL-KBIRA

GĦALL-FESTA TITULARI TA' DIN IS-SENA, LI SE SSIR F'ĦAL BALZAN BEJN IS-7 U L-14 TA' LULJU, IL-KAŻIN TAL-BANDA 'SAN GABRIEL' SE JŻANŻAN SETT TA' GĦAXAR PAVALJUNI ĠODDA LI SE JINTRAMAW FI TRIQ IL-KBIRA MILL-KNISJA PARROKKJALI 'L FUQ. DIN L-OPRA TABILĦAQQ SABIĦA U ARTISTIKA SE TKUN L-ATTRAZZJONI EWLENIJA FIL-FESTA TITULARI TAL-LUNZJATA. AĦNA KELLIMNA LIS-SUR VALENTINO MUSCAT, KAXXIER TAL-KAŻIN, LI ĦA F'IDEJH L-INKARIGU TA' DAWN IL-PAVALJUNI ĠODDA.

Sur Muscat, meta beda l-ħsieb li jsir dan is-sett pavaljuni ġodda?

Naħseb li ħafna huma dawk li jiftakru li s-sena li għaddiet lejlet il-festa titulari tagħna wara nofs in-nhar għamlet ħafna xita, u proprju din ix-xita kienet għal fuq ir-raħal tagħna. Billi jiena nieħu ħsieb ir-rikording tax-xita niftakar li dak in-nhar irrikordjajt pulzier punt tnejn sebgħa, filwaqt li l-uffiċċju meteoroloġiku ta' Ħal Luqa rrikordja biss punt tnejn tmienja ta' pulzier. Din ix-xita għamlet ħsara kbira lill-pavaljuni tal-karti li kienu jżejnu t-triq ta' quddiem il-knisja. Barra minn hekk, dawn il-pavaljuni li semmejt kienu diġa ntramaw għat-tieni darba. Għalhekk għal din is-sena kellna bilfors nibdluhom. Kien proprju għal din ir-raġuni li sar il-ħsieb li jsir sett ta' għaxar pavaljuni tad-drapp li jkun jista' jitgawda għal żmien itwal.

X'fettlilkom tagħmlu dawn il-pavaljuni meta Triq il-Kbira fiha dak l-armar kollu ta' statwi, trofej, u armar ieħor?

Kien proprju fis-sena 1969 meta ċċelebrajna t-tielet ċentinarju tal-bini tal-knisja meta dehrilna li kellna nagħmlu xi ħaġa aktar minn tas-soltu għal dawn il-festi ċentinarji, u ġietna l-idea li nagħmlu xi ħaġa li tagħti dehra oħra lit-triq ta' quddiem il-knisja minn dik tas-soltu. Dik is-sena għal min ma jiftakarx konna rmajna l-festuni ta' l-elettriku b'fanali kbar iddisinjati u bi lwien differenti. It-triq ħadet dehra oħra minn dik ta' l-imgħoddi u billi rajna li t-triq ħadet xejra għall-aħjar, komplejna nagħmluhom fis-snin ta' wara.

Kemm ilu sejjer ix-xogħol fuq dawn il-pavaljuni?

Ix-xogħol ta' dawn il-pavaljuni ilu sejjer għal żmien twil, għaliex barra mix-xogħol tad-drapp kien hemm xogħol ferm akbar minn dan. Irrid ingħid ix-xogħol ta' għaxar sopra-pavaljuni, biex insejħulhom hekk, ippitturati minn żewġ naħat. Malli ġie deċiż x'kellu jsir mill-ewwel tajna rkaptu biex nixtru l-materjal meħtieġ biex jinbeda x-xogħol tas-sopra-pavaljuni. Kien il-25 t'Ottubru tas-sena l-oħra meta xtrajna l-materjal u l-injam meħtieġ sabiex jinbeda x-xogħol. Dan ifisser li x-xogħol inbeda f'anqas minn xahrejn li kienet għaddiet il-festa, li s-sena l-oħra ċċelebrajna fit-2 ta' Settembru.

Tista' ssemmi xi nies li ddisinjaw jew għenu fid-disinn ta' dawn il-pavaljuni?

Malli ġie deċiż li se jsiru dawn il-pavaljuni, mill-ewwel avviċinajna lill-membru tagħna tal-każin, is-Sur Freddie Muscat, student tal-pittura fl-iskola ta' l-arti tal-Gvern, u tlabnieh sabiex jagħmel skeċċ tas-sopra-pavaljuni. Għalkemm kien jaf li se jidħol għal biċċa xogħol iebsa u li titlob sagrifiċċji kbar għalih, billi kien jaf li kellu jissagrifika ħafna mill-ħin liberu tiegħu, mill-ewwel aċċetta li jagħmel skeċċ. Wara xi jumejn dan l-iskeċċ kien lest u dehrilna li ġie addattat ħafna għall-idea li kelina, għalhekk tajnieh il-fiat li meta jidhirlu jkun jista' jibda x-xogħol tiegħu tal-pittura.

Issa kien jonqos l-iskeċċ tal-pavaljuni nfushom. Billi fhimna li l-istudent artist li semmejna kellu xogħol biżżejjed bil-pittura tas-sopra-pavaljuni, ħlisnieh mit-tieni xogħol ta' l-iskeċċ tad-drapp. Għal dan ix-xogħol dħalt jien, u niftakar lejla waħda meta kont il-każin bħas-soltu ħażżiżt daqsxejn ta' wieħed żgħir u malajr urejtu lis-Sur Freddie Muscat u lil xi oħrajn għall-approvazzjoni tagħhom.

Dawn dehrilhom li kien addattat ħafna. Għalhekk kabbart dan l-iskeċċ u skalajtu skond il-qisien li kellu jiġi u tajtu l-ilwien tad-drapp li kellna nużaw għalihom, jiġifieri fond aħmar b'disinn isfar. Forsi xi ħadd jistaqsi, "Għaliex intgħażlu dawn l-ilwien meta aħna nagħmlu l-festa tal-Madonna?" Nibda biex ngħid li 'l-Madonna jixirqulha l-ilwien kollha għax il-Madonna hi mxebbħa lill-qawsalla. Imbagħad il-lewn li għażilna hu addattat għax il-Madonna hi s-Sultana tal-Martri kif insejħulha fil-Litanija u l-lewn aħmar li għażilna hu l-lewn tal-Martri.

Kif irnexxielkom tlestu żżebgħa u l-ħjata ta' dawn il-pavaljuni fi żmien hekk qasir?

Irnexxielna nlestu dawn il-pavaljuni — għalkemm jiddispjaċini ngħid li mhux għal kollox billi l-parti tan-nofs tad-drapp ħallejnieha vojta mingħajr l-ornament li suppost irid isir fiha, u lanqas dim ma hija ħtija tagħna billi drapp isfar ma sibniex biżżejjed — fi żmien hekk qasir bil-ħidma assidwa u bla heda ta' dawk kollha li f'idejhom kien fdat dan ix-xogħol. Naraw ftit kif kien imqassam ix-xogħol ta' dawn l-għaxar pavaljuni. L-ewwel naraw lis-Sur Carmelo Micallef, megħjun ukoll minn xi żgħażagħ, li qata' l-kontorn tas-sopra-pavaljuni. Wara dan, ħa x-xogħol f'idejh huh, is-sur Calcedonio Micallef. Xogħlu kien li jgħaqqad u jwaħħal flimkien is-sopra-pavaljuni biex ikunu jistgħu jinżebgħu. Dan ix-xogħol seraqlu ħafna mill-ħin tiegħu tal-mistrieħ, meta wieħed jiftakar li dawn kienu għaxra u li kienu jitolbu ħafna xogħol. Meta dawn kienu lesti s-Sur Karm Micallef qabad jiżbogħhom biex ikunu lesti għax-xogħol tal-pittura. Anke din id-darba s-Sur Karm kien megħjun minn xi rġiel u minn xi żgħażagħ.

(jissokta f'paġna 8)



L-Isqof Mons. Anton Grech Delicata J. U. D., li jinsab midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. (Ara Paġna 4)

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

IRBĦU RITRATT TAL-VARA TA' L-ANNUNZJATA

Tfal,

Nixtieq ngħidilkom xi ħaġa qabel niġu għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa. Jiena naħseb li intom it-tfal ftit li xejn qed tieħdu interess fil-gazzetta li b'tant sagrifiċċju qed noħorġu għall-poplu ta' Ħal Balzan li intom tagħmlu parti minnu. Intom għandkom ir-rokna tagħkom u għandkom ukoll il-kompetizzjoni, biss intom it-tfal ftit u ftit ferm tieħdu parti fil-kompetizzjonijiet kif għedtilkom bosta drabi. L-unika darba li intom ħadtu sehem f'numru tassew sabiħ kien meta aħna ħejjejnielkom disinn fuq karta separata. Dan itini x'nifhem li intom ftit tħarsu lejn dak li jinteressa lilkom fil-gazzetta tagħna.

Għall-kompetizzjoni ta' din id-darba, erġajna ppreparajnielkom disinn ieħor. Din id-darba billi għandna l-ħarġa speċjali tal-festa dehrilna li l-kompetizzjoni nagħmluha fuq xi ħaġa li hi marbuta mal-festa tar-raħal. Id-disinn li lestejnielkom hu disinn ta' l-arma tar-raħal tagħna. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tagħtu l-kuluri kif suppost li għandhom jiġu u tagħtu l-kulur lill-iskudett ta' l-arma. Billi d-disinn qiegħed fuq karta separata, fittxu li dawk li jqassmu l-gazzetta jagħtukom ukoll il-karta bid-disinn. Jekk xi ħadd minnkom ikun irid aktar minn disinn wieħed biex jieħdu sehem ħutu wkoll javviċina lil xi membru tal-Bord Editorjali. Ibagħtu d-disinn tagħkom bil-kulur f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel' jew impustawh intom stess fil-'letterbox' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 27 ta' Lulju, 1974.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma — 1. Fil-Ġermanja tal-Punent; 2. 16; 3. Il-Brażil; 4. Zaire; 5. L-Italja; 6. 7 ta' Lulju 1974.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni hu Stephen Farrugia, li joqgħod 'Dar is-Sliem', New Street off Old Railway Road, Ħal Balzan. Il-premju ta' ktieb u ballun tal-WORLD CUP nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

(Araw ROKNA GĦAT-TFAL f'paġna 7)

VALLEY BUTCHER
JOHN PULLICINO
FOR FIRST CLASS MEAT AND SERVICE
121, VALLEY ROAD, BALZAN
Telephone: 42066

FOR WHITER WASH
SPEL

IL-FESTA TITULARI U S-SENA MQADDSA

Din il-Ħarġa tal-gazzetta tagħna hija għadd speċjali għall-okkażjoni tal-Festa Titulari tal-Parroċċa, u għalhekk hija ħaġa l-aktar f'postha li nkellimkom fuq il-festa u fuq is-sehem li lkoll kemm aħna għandna nagħtu biex din tirnexxi. U billi ninsabu f'sena speċjali, Sena ta' grazzja u salvazzjoni, ikun f'loku wkoll li ngħid xi ħaġa fuq kif il-festa tista' u għandha tgħinna biex nilħqu l-għan tas-Sena Mqaddsa.

L-iskop tas-Sena Mqadsa, fi kliem il-Papa, huwa "rikonċiljazzjoni ma' Alla u ħbiberija bejn il-bnedmin." X'okkażjoni aħjar mill-festa tal-Parroċċa jista' jkollna biex nagħmlu paċi mal-Mulej, u biex nitħabbu aktar bejnietna?

Il-kelmiet li qalet il-Madonna lill-Arkanġlu San Gabrijel meta dan ħabbrilha l-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla permezz tagħha "ikun minni skond kelmtek", jiġifieri li Marija aċċettat li tagħmel fiha r-rieda ta' Alla, huma l-akbar eżempju għalina biex nitgħallmu li f'ħajjitna kollha nfittxu biss dak li jogħġob lilu. Jekk qatt fl-imgħoddi ma għamilniex dak li ried Alla minna, il-festa ta' l-Annunzjazzjoni tal-Madonna għandha tgħallimna u tħajjarna biex għal li ġej nagħmlu bħalha. Bl-attendenza tagħna għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja u bis-smigħ tal-kelma tal-Mulej fil-qari mill-Iskrittura u l-omeliji li jsiru fuqha nistgħu ngħinu lilna nfusna biex naslu għal dan.

Ħbiberija bejn il-bnedmin. Fil-jiem tal-festa l-Parroċċa kollha tkun magħquda biex tiċċelebra l-istess ħaġa, l-istess ġrajja, l-istess okkażjoni: il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, li biha l-Iben ta' Alla sar bniedem biex jagħmel lill-bnedmin familja waħda, ulied l-istess Missier li qiegħed fis-smewwiet. Għalhekk għandna nfittxu li l-festa tkun għalina ta' okkażjoni biex insewwu xi firdiet li jista' jkun hemm, bejn membri ta' l-istess familja, bejn familja u oħra, forsi anke bejn xi għaqda ta' nies u oħra. Mhux, għall-kuntrarju, forsi l-festa sservi lil xi wħud biex jaħalqu okkażjoni ta' firda — dan qatt u qatt ma għandu jkun, u, jekk xi ħadd jagħmel hekk, ikun qiegħed juri fil-beraħ li l-iskopijiet tiegħu mhumiex ġenwini, barra milli jkun qiegħed jidħol f'responsabbilta' li forsi anqas huwa stess ma jifhem, jew għax ma jafx, jew għax ma jridx, il-konsegwenzi li jista' jkollha.

Ejjew, mela, neżaminaw kliemna u l-aġir tagħna, mingħajr passjoni, mingħajr piki, imma bis-sinċerita' kollha. U jkollna l-kuraġġ li, fejn naraw li nqasna, nammettu l-iżball tagħna u nippruvaw nirranġaw il-ħsara. B'hekk tkun kuntenta l-Madonna, meta tarana magħquda lkoll flimkien biex insellmulha: Is-sliem għalik, mimlija bil-grazzja.

Il-Kappillan

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bil-Magħmudija:

Antonella Cachia, bint Carmel u Mary-Anne, fil-21 ta' Frar.
Lisa Borg, bint John-Mary u Linda, fit-23 ta' Frar.
Jason Xerri, bin Joseph u Jane, fil-5 ta' Marzu.
Jean-Pierre Borg, bin Francis u Carrie, fil-11 ta' Marzu.
Emilio Balzan, bin Frank u Elizabeth, fit-13 ta' Marzu.
Tancred Mifsud, bin Felix u Nicolina, fil-15 ta' Marzu.
David-John Bonnici, bin John u Carmelina, fil-20 ta' Marzu.
Kyra-Margita Licari, bint Bernard u Pauline, fit-22 ta' Marzu.
Sharon-Marie Saliba, bint Joseph u Monica, fil-11 ta' April.
Anatole Scerri, bin Joseph u Marisa, fl-1 ta' Mejju.
Nikolaus Conrad, bin Herbert u Eileen, fis-7 ta' Mejju.
Mario Zarb, bin Michael u Josephine, fit-12 ta' Mejju.
Emma Muscat, bint Michael u Carmen, fil-20 ta' Mejju.
Caroline Chetcuti, bint Charles u Marion, fit-13 ta' Ġunju.

Nilqgħu fostna lil dawn il-familji ġodda tal-Parroċċa tagħna:

Henry Borg u Marion Darmenia, fid-29 ta' Marzu.
Andrew Spiteri u Consiglia Borg, fit-30 ta' Marzu.
Emmanuel Bartolo u Dorothy Attard, fit-3 ta' April.
Nicholas Farrugia u Eugenia Gambin, fis-6 ta' April.
Michael Parnis u Nancy Dingli, fil-20 ta' April.
Carmel Fenech u Antoinette Farrugia, fil-20 ta' April.
Anthony Caruana u Rita Sammut, fil-21 ta' April.
Joseph Magro u Melania Attard, fil-11 ta' Mejju.
Spiridione Desira u Doris Vassallo, fl-1 ta' Ġunju.
Godwin Cuschieri u Patricia Callus, fit-22 ta' Ġunju.

Nitolbu għal ħutna li għaddew għall-ħajja ta' bla tmiem:

Alfredo Brincat, fis-16 ta' Marzu.
Anna Grech, fil-20 ta' Marzu.
Carmelo Mangion, fl-4 ta' April.
Professur John L. Gatt, A.&C.E., fil-20 ta' April.
Elisa Bugeja Caruana, fil-20 ta' April.
Maria Vella, fl-24 ta' April.
Josephine Falzon, fil-25 ta' April.
Katie Vella, fit-30 ta' April.
Carmen Polidano, fil-20 ta' Mejju.
Maria Muscat, fl-24 ta' Mejju.
Luigi Briffa, fid-9 ta' Ġunju.
Antonio Catania, fl-14 ta' Ġunju.
Carmelo Stivala, fl-14 ta' Ġunju.

Nota. Qegħdin inġibu hawnhekk f'din il-Ħarġa t-Tagħrif mill-Uffiċċju Parrokkjali għal erba' xhur, flok għal xahrejn, minħabba li fl-aħħar ħarġa t-tagħrif ma ġiex ippubblikat.

WASLET IL-FESTA

minn Camillo Tortell

GĦALKEMM IŻ-ŻMIEN TAŻ-ŻAHAR TAL-LARINĠ SPIĊĊA, XORTA WAĦDA TINDUNA ILLI L-LUNZJATA TKUN WASLET, GĦALIEX JEKK IŻ-ŻAHAR SAR ŻIGROMB, BDEW IL-FJURI L-OĦRA KOLLHA. U BILLI BĦAL MA NAFU SEWWA, ĦAL BALZAN HUWA KOLLU MDAWWAR BIL-ĠONNA, MA JISTAX JONQOS ILLI L-FWIEĦA TAL-FJURI MA TIRRENJAX MAR-RAĦAL KOLLU. IL-ĦSIBIJIET TAL-FESTA LI TKUN FIL-QRIB IĠIBU ĦAFNA XOGĦOL, PREPARAZZJONI U ARRANĠAMENTI, KULĦADD ARAH JIBDA JAGĦTI XI TIBJIDA 'L-FAĊĊATA, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ ARAHOM JAQTGĦU XI LIBSA ĠDIDA U MIKIEL IS-SAGRISTAN JIBDA JAĦSEB GĦALL-ARMAR TA' BARRA U TA' ĠEWWA, IMMA L-IKTAR TA' ĠEWWA L-KNISJA, ARAH JIBDA BIĊĊA D-DAMASK, IL-LAMPIERI, IS-SOPRAPORTI NDURATI U ĦAFNA ĦWEJJEĠ OĦRA LI HUMA TAL-FESTA, IMMA L-IKTAR ĦAĠA MPORTANTI KIENET L-ARMAR TAT-TUŻELL.

It-tużell tal-knisja ta' Ħal Balzan huwa tista' tgħid wieħed mill-isbaħ ta' Malta; f ost kollox dan it-tużell iżomm fil-post eżatt tiegħu, bla ventijiet, u għalhekk jidher ħafna iktar rikk minn ta' bnadi oħra. Meta Mikiel jasal għal dan ix-xogħol, kien iżarma l-altar maġġur u jniżżel it-tużell ta' kuljum, jerfgħu u jibża' għalih, u jibda jarma s-sabiħ tal-festa; hawn Mikiel kollu attenzjoni u aħna t-tfal kollna ħerqana li narawh lest, u tiela' 'l fuq f'postu. It-tużell ta' Ħal Balzan il-veru biċċa armar ta' ġmiel.



L-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali armat għall-festa Titulari. Jidher ukoll it-tużell imponenti.

Aħna t-tfal malli konna nisimgħu illi se jarmaw 'il Ġuditta, erħilna niġru biex narawha tielgħa, jew x'ħin ikunu se jibdew jarmaw l-istatwi tat-triq ta' quddiem il-Knisja, li dan kien xogħol tad-dilettanti tar-raħal, arana sejrin narawhom joħorġuhom mill-knijsa ta' Santa Marija. Imma l-iktar importanti minn dan l-armar ta' barra kien il-Papa ta' fejn il-Każin t'isfel; hawn konna nibdew nitħassbu jekk hix se tqattar ix-xita jew tqum xi żiffa riħ, imma fi żmien il-fjuri dan il-biża' naqas ħafna.

F'dak iż-żmien wieħed kien jista' jara t-toroq tar-raħal armati bit-tazzi taż-żejt; dawn it-tazzi f'din il-festa kont tarahom mar-raħal kollu jlellxu b'ħafna kuluri veru sbieħ.

Ħaġa oħra ta' dak iż-żmien kienet illi kultant kien ikun hemm xi dilettanti li kienu jiktbu xi forma ta' poeżija żgħira, li konna ngħidulha "Sunett", u minn dawn is-sunetti kull tant kienu jinkitbu fuq speċi ta' mkatar tal-karti kuluriti, u kienu jintefgħu minn fuq il-bjut x'ħin tkun għaddejja l-vara tal-Lunzjata.

Nirringrazzjaw lis-Sur Camillo Tortell għas-'sunett' li bagħtilna li jġib id-data 1936, iżda minħabba nuqqas ta' wisgħa ma stajniex nippubblikawh.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Qed joqorbu ġmielhom il-ftit xhur tas-sajf li b'tant ħerqa ilkom tistennewhom biex tistrieħu ftit mill-istudji tagħkom u tibdew tgawdu l-ġranet sbieħ u twal tas-sajf.

Jiddispjaċik tara li mhux it-tfal kollha jifhmu x'inhu l-ħsieb tal-vaganzi u għalhekk għal xi wħud iservu aktar ta' ħsara milli ta' ġid.

Il-vaganzi jiġu għalina biex aħna wara xhur twal ta' studju u tħabbil il-moħħ nistrieħu ftit biex b'qawwa ġdida nerġgħu nkomplu mixjin f'din it-triq iebsa ta' l-istudju.

Tfal, intom mhux l-ewwel darba li mxejtu xi mixja twila jew ġrejtu xi ġirja rota. Meta għejjejtu ħassejtu l-bżonn li tieqfu ftit biex tistrieħu u hekk tkunu tistgħu tkomplu.

Hekk u xejn anqas fl-istudju tagħna; hemm bżonn li għal xi żmien nieqfu ftit u nistrieħu. Wara jkollna ħeġġa ikbar biex inkomplu fit-triq li qbadna.

Il-vaganzi ma jiġux biex insibu xi rokna mwarrba fiddar, naħbu l-kotba kollha hemm u ma noħorġuhomx jekk mhux l-ewwel ġurnata ta' l-iskola! Min jagħmel hekk bosta drabi jkun qed jarmi dak kollu li ġabar tul ix-xhur kollha li fihom mar l-iskola.

Dawk it-tfal li matul il-vaganzi jkunu ttraskuraw l-istudju għal kollox ibatu wisq biex jerġgħu jaqbdu hekk kif tibda l-iskola. Il-vaganzi ma jkunux ġew biex serrħuhom iżda biex sfrattawhom.

Ta' min jitħassarhom dawk it-tfal, bniet u subien, li jgħaddu dawn il-ġranet kollha jiġġerrew 'l hinn u 'l hawn u xi drabi ma' l-iktar tfal traskurati jekk mhux ukoll ħżiena!

Intom għalhekk, tfal, qisu li dawn il-vaganzi li ġejjin fuqkom tużawhom sewwa biex meta jispiċċaw u terġgħu mill-ġdid għall-iskola taraw b'għajnejkom stess x'differenza tgħaddi bejnkom u bejn dawk li nqdew bihom ħażin.

MINI MARKET
SELF SERVICE
Telephone: 44633
63, ST. FRANCIS STREET, BALZAN
YOU WILL FIND EVERYTHING FOR YOUR NEEDS AND CONVENIENCE

SETT PAVALJUNI GODDA GHAL TRIQ IL-KBIRA

(jaqbad minn paġna 6)

Issa kienu lesti biex is-Sur Freddie Muscat jibda jpittirhom. Freddie beda dan ix-xogħol fix-xahar ta' Jannar ta' din is-sena, u waqt li qiegħed nikteb dawn il-kliem għadu kemm spiċċa l-aħħar faċċata ta' l-aħħar wieħed. Jidhirli li ma nsibx kliem biżżejjed biex nuri l-ħidma tiegħu. Niftakru li Freddie kellu jpitter għoxrin faċċata għal dawn l-għaxar pavaljuni. Li kieku Freddie ma kellux kuraġġ ta' sur u ġibda kbira lejn l-arti tal-pittura li għaliha hu dedikat żgur li ma kienx jidħol għal din il-biċċa xogħol hekk kbira. Ta' min igħid li l-ħlas ta' dan ix-xogħol kollu hu li ngħidulu prosit u grazzi. Iżda Freddie ntefa' fuqhom b'ruħu u b'ġismu, kif igħid il-qawl Malti. Huwa għadda dawn il-ħames xhur sħaħ tista' tgħid il-jum kollu tas-sebat ijiem tal-ġimgħa, u ħafna u ħafna drabi konna narawh jishar sal-ħdax ta' bil-lejl. L-assidwita' tiegħu f'dan ix-xogħol kienet ħaġa tal-għaġeb.

X'kien ix-xogħol tas-Sur Freddie, f'kelma oħra x'pitter? Kif diġa għedt, hu kellu jpitter għoxrin faċċata ta' dawn is-sopra-pavaljuni, li huma dsatax-il pied twal u tliet piedi w nofs għoljin. Dawn fihom arma fin-nofs u l-kumplament tagħhom mimli fjuri ta' għamla u ta' lwien differenti. Għaxra minn dawn l-armi għal ħames sopra-pavaljuni fihom in-'nome di Maria' filwaqt li l-għaxra l-oħra tnejn tnejn għal ħamsa l-oħra jġibu ħames emblemi diversi minn xulxin. Dawn huma l-arma tar-raħal, oħra tal-każin, l-arma ta' Malta, tal-Papa, u tar-Reliġjon. Dawn is-sopra-pavaljuni jagħmlu ġieħ lil min pittirhom għax tassew fihom daqqa t'għajn.

Hawn nieqaf bil-ħidma tas-Sur Freddie billi rrid ngħid x'kien qiegħed isir waqt li Freddie kien sejjer bil-ħidma tiegħu. Filwaqt li Freddie kien ipitter dawn is-sopra-pavaljuni, is-Sur Ġużeppi Falzon, ħajjat fi Triq il-Kbira, kien qiegħed ifassal il-kontorn tad-drapp li jikkonsisti f'żewġ pendenti u l-parti tan-nofs. Dan ifisser li s-Sur Falzon kellu jaqta' tletin biċċa fuq il-mudell li kont lestejtlu. Dan ix-xogħol is-Sur Falzon għamlu filwaqt li kien jieqaf mill-ħidma tiegħu ta' kuljum. Meta x-xogħol tas-Sur Falzon beda dieħel, is-Sur Kalċ Micallef beda jkeffifhom u jien bdejt niddisinja fejn kellu jiġi d-disinn tal-pendenti u billi deherli li l-ġibs seta' jmur minn fuqhom xellilt dan id-disinn kollu. Wara mbagħad bdejt infassal il-biċċiet tad-disinn fuq mudell li kont ippreparajt minn qabel. Kelli 560 biċċa x'naqta', imma bil-għajnuna t'Alla u ta' Ommna Marija Annunzjata dan ix-xogħol lestejtu u bdejt nagħtihom lin-nies biex iħituhom. Dawn kollha laqgħu bil-ferħa x-xogħol li tajthom. In-nies li ndaħlu għax-xogħol tal-ħjata huma s-Sur Ġużeppi Borġ, is-sinjuri Rożina Mizzi li ħietet tnejn minnhom, Annunzjata Fenech, Ċettina Attard, Ġuża Borg, Marlene Cipriott, Gracie Micallef, Marija Zammit, Marija Aquilina, u Lola Calleja, u s-sinjorini Marija Ebejer u Marija Azzopardi. Dawn is-sinjuri bħal dawk kollha li semmejt qabel taw ix-xogħol tagħhom mingħajr ebda ħlas. Billi kif għedt is-Sur Freddie lest għal kollox mix-xogħol tiegħu, is-Sur Kalċ Micallef jista' jibda jwaħħal ir-rejls li magħhom se jiddendel id-drapp.

X'taħseb li se tkun ir-reazzjoni tal-Balzanin malli jaraw tiżżanżan din l-opra sabiħa?

Il-Balzanin malli jaraw tiżżanżan din l-opra sabiħa żgur, u ngħid din il-kelma b'wiċċi minn quddiem, żgur li jkomplu jkattru l-fiduċja li għandhom fina, in-nies tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel', billi jafu biżżejjed kemm nirsistu aħna għal-festa titulari tagħna. Huma jafu tajjeb li l-biċċa l-kbira tax-xogħol tal-festa jaqa' fuqna. Jafu li nieħdu ħsieb narmaw l-elettriku tal-Knisja kollha minn barra. Jafu wkoll li nieħdu ħsieb narmaw il-parti ta' fuq tar-raħal bl-istatwi, trufej, eċċ., li nieħdu ħsieb ukoll in-nar kollu li jsir fil-festa sew ta' l-ajru u sew ta' l-art u li nieħdu ħsieb il-baned għat-tlitt ijiem tal-festa. Barra minn dan ma jistgħux ma jammirawx u ma japprezzawx il-ħidma ta' dawk kollha li meddew idejhom u stinkaw għal din l-opra sabiħa.

Tista' ssemmi xi benefatturi li pprovdew il-fondi għal dawn il-pavaljuni?

Il-kelma "benefatturi" għal Ħal Balzan hi ħaġa li lanqas ittini fastidju. Il-Balzanin nafhom biżżejjed għall-ġenerożita' tagħhom. Dan ngħidu mill-esperjenza li għandi f'dan il-qasam. Biżżejjed ngħid li kont għadni tfajjel ta' tlettax-il sena meta kont diġa bdejt nagħmel xi lotterija għall-festa. Kont f'diversi kumitati għall-ġbir ta' opri kbar, bħall-irħam, il-qanpiena l-kbira, u l-pittura. Dan għedtu mhux biex niftaħar iżda biex nuri li jidhirli li kelli kuntatt biżżejjed mal-Balzanin biex nitkellem fuq il-ġenerożita' kbira tagħhom. Niġu issa biex ngħid kif inġabru l-fondi għal dawn il-pavaljuni. Kien fl-ikla li għamilna għad-dilettanti ta' l-armar u għal dawk li jaħdmu n-nar li għamilna fis-Sala Aurora nhar l-4 t'Ottubru 1973 meta l-maħbub kappillan tagħna l-Kan. Dun K. Sciberras beda l-arbural billi rregala l-ewwel għaxar liri.

Wara dan l-ammont beda kull ma jmur jiżdied u ngħid għas-sudisfazzjon ta' kulħadd li l-ispejjeż ta' dak kollu li sejrin taraw fil-festa tagħna huwa kollu mħallas. Ikun jonqos biss li nixtru drapp isfar biex nornaw il-parti tan-nofs, li kif għedt aktar 'il quddiem ħallejnieha vojta għal din is-sena. Nittama b'fiduċja kbira li benefatturi oħra jidħlu għal dawn l-ispejjeż. Inkompli ngħid li l-Każin tal-Banda 'San Gabriel' ħareġ għoxrin lira għall-ispejjeż ta' wieħed mill-pavaljuni. Is-Sur Abraham Muscat, l-inkarigat mill-ġbir għall-festi esterni tal-parti ta' fuq tar-raħal, ħareġ ukoll għoxrin lira għall-ispejjeż ta' ieħor mill-fondi tal-festa li kien għad fadal mis-sena l-oħra, billi kienu tħassru l-programmi ta' lejliet il-festa minħabba l-maltemp li kien għamel. Il-gaj tan-nar ħareġ ukoll għoxrin lira għall-ispejjeż tat-tielet wieħed. Dawn is-sinjuri wkoll ħarġu għoxrin lira għall-ispejjeż ta' pavaljun — is-sinjuri Ġużeppi Gauci, Ġużeppi Scicluna, u Antonio Muscat.

Kien kemm imbagħad dawn is-sinjuri li kkontribwew is-somma ta' għaxar liri kull wieħed. Dawn huma Chev. Oscar Calleja Urry, il-mejjet is-Sur Alfred Brincat, u s-Sinjuri Victor Muscat u Carmelo Callus. Il-kumplament tal-flus inġabru minn diversi benefatturi oħra, kull wieħed skond il-mezzi tiegħu.

Lil dawn il-benefatturi kollha kif ukoll lil dawk kollha li ħadmu, b'mod speċjali lis-Sur Freddie Muscat li ħa t-tagħbija l-kbira fuq spallejh, nirringrazzjahom minn qalbi. Il-Madonna żgur ukoll tirringrazzjahom u tberikhom ta' dak kollu li għamlu biex ikabbru l-festa tagħha, u għad ġurnata tħallashom jekk mhux f'did-dinja, fl-oħra.



(Ritratt R. Guillaumier)

IL-KNISJA PARROKKJALI TA' HAL BALZAN

Din il-Knisja, li ilha mibnija tliet mitt sena, minn dejjem kienet l-akbar għożża tal-Balzanin li sa mit-twaqqif tagħha qegħduha taħt il-protezzjoni ta' l-Annunzjazzjoni tal-Madonna. Fil-Festa Titulari, il-Knisja Parrokkjali tkun imżejna bl-isbaħ opri li bihom għanewha l-Balzanin matul iż-żminijiet — l-isbaħ u l-aqwa fosthom hija l-vara għażiża ta' l-Annunzjata.

L-ISQOF MONS. ANTON GRECH DELICATA J.U.D.

(jaqbad minn paġna 4)

tiegħu llum qiegħda quddiem il-bieb tas-sagristija l-qadima, jiġifieri fejn l-artal ta' San Mikiel, u għalhekk hemm dik l-irħama kommemorativa mal-ħajt fil-korsija tagħha, u f'liema knisja, li hu kien tant iħobb, ħalla u hemm miżmum il-kappell kbir aħdar pastorali tiegħu.

Ġimgħa wara mewtu sarlu servizz kbir funebri fil-Katidral t'Għawdex fil-5 ta' Jannar 1877, li kien immexxi mill-imsemmi Kanonku-Arċipriet Refalo (ziju tal-futur Prim-Imħallef Onorevoli Sir Michael-Angelo Refalo, Kt., C. B. E., LL. D., 1876-20.12.1923) li qaddes, waqt li d-diskors dwaru sarlu mis-Segretarju tiegħu l-imsemmi Wisq Reverendu Patri Cilia, u għall-okkażjoni l-Aġent-Segretarju-Prinċipali tal-Gvern Mr. F.P. Hoare (1867-1879) ordna li, bħala sinjal ta' luttu u ta' rispett, il-postijiet kollha tal-Gvern f'Għawdex kellhom jinżammu magħluqa.

TOP SHOP (Salvu Deguara)
TRIQ IL-KBIRA, HAL BALZAN
L-AHJAR HANUT TAL-GROCER F'HAL BALZAN

FOR GENUINE MALTA LACE
APPLY: 73, MAIN STREET, BALZAN

SALVU BRINCAT
IRONMONGERY & ELECTRICAL GOODS
175, MAIN STREET, BALZAN

LUCY MALLIA
GROCERY
76, BALZAN SQUARE, BALZAN